



Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, l-14 ta' Novembru 2017

Żvilupp Rurali: il-proċess il-ġdid għall-ippjanar huwa twil u kumpless wisq, jgħidu l-Awdituri tal-UE

Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-proċess il-ġdid għall-ippjanar tal-infiq li jsir mill-UE fil-qasam tal-iżvilupp rurali huwa twil u kumpless wisq, u fih nuqqasijiet li jxekklu kemm il-prestazzjoni kif ukoll ir-riżultati. L-awdituri sabu wkoll li, minkejja l-isforzi li saru mill-Kummissjoni Ewropea, l-implimentazzjoni tal-programmi ma bdiex aktar kmieni u l-infiq beda aktar bil-mod milli kien il-każ fil-perjodu preċedenti.

Il-politika ta' żvilupp rurali tal-UE għandha l-għan li tagħmel l-agrikoltura aktar kompetittiva, tiżgura l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u tikseb żvilupp bilanċjat ta' ekonomiji u komunitajiet rurali. L-UE qed tippjana li, matul il-perjodu 2014 sa 2020, tonfoq kważi EUR 100 biljun fuq l-iżvilupp rurali.

Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali jipprovdi appoġġ finanzjarju għal miżuri mwettqa mill-Istati Membri permezz ta' Programmi tal-Iżvilupp Rurali nazzjonali jew reġjonali, li jitħejjew mill-Istati Membri u jiġu approvati mill-Kummissjoni.

"L-ippjanar għal perjodu ġdid dejjem jiffaċċja l-problema li jibda qabel ma jkun hemm data adegwata u rilevanti minn perjodi preċedenti", qal Janusz Wojciechowski, il-Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. "Aħna sibna li d-dokumenti ta' programmazzjoni huma kumplessi u voluminużi wisq, iżda xorta waħda mhumix iffukati biżżejjed fuq ir-riżultati mistennija".

L-awdituri eżaminaw jekk il-qafas strateġiku l-ġdid tal-UE għall-2014-2020 kienx jirrifletti fokus akbar fuq il-prestazzjoni u jekk il-proċess il-ġdid irriżultax fi Programmi tal-Iżvilupp Rurali ta' kwalità tajba li jkunu jistgħu jwasslu għal riżultati aħjar.

Huma sabu li minkejja li l-qafas strateġiku kien jimmira lejn approċċ ibbażat fuq ir-riżultati, il-programmi approvati kienu twal u kumplessi, u kien fihom nuqqasijiet li jxekklu l-fokus fuq il-prestazzjoni u r-riżultati. Huma eżaminaw ukoll il-programmazzjoni għall-politika ta' żvilupp rurali bejn l-2014 u l-2020 biex jaraw jekk din tippermettix li l-Programmi tal-Iżvilupp Rurali jiġu

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali adottat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu

@EUAuditors

eca.europa.eu

implimentati aktar kmieni, biex b'hekk jiġu evitati l-konsegwenzi negattivi tad-dewmien. Huma sabu li, minkejja l-isforzi li saru mill-Kummissjoni, l-implimentazzjoni ma bdietx aktar kmieni u l-infiq ippjanat beda aktar bil-mod minn qabel.

Biex isir titjib fil-proċess, l-awdituri jirrakkomandaw li, fil-futur, il-Kummissjoni:

- tiżgura li l-proposti tagħha jgħinu biex tiġi żviluppata konsistenza bejn programmi individwali;
- tissimplifika d-dokumenti ta' programmazzjoni u tnaqqas l-għadd ta' rekwiżiti;
- taħdem mal-Istati Membri biex tiżgura li r-rappurtar għall-2019 ikun jipprovdi informazzjoni ċara u komprensiva;
- tiddefinixxi d-diversi indikaturi b'mod aktar preċiż;
- tiegħu kont tal-esperjenza miksuba mis-sistema attwali;
- tfejji minn biżżejjed żmien qabel, il-proposti għall-politika ta' żvilupp rurali ta' wara l-2020.

L-awdituri jirrakkomandaw ukoll li l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu l-possibbiltà li jallinjaw l-istrateġija fuq terminu twil maċ-ċiklu baġitarju tal-UE, u jwettqu analiżi komprensiva tal-infiq qabel ma jiġi stabbilit baġit ġdid fuq terminu twil.

Ir-Rapport Speċjali Nru 16/2017: "Programmazzjoni tal-Iżvilupp Rurali: jeħtieġ li jkun hemm inqas kumplessità u aktar fokus fuq ir-riżultati" huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.